silġ tal-Kanada nefaħ hekk qawwi li tajjarli kull tama.

Forsi l-ħtija hija wkoll tal-karattru tiegħi, għax nagħraf inqim lil ħaddieħor aktar minn lili nnifsi, karattru li ġegħelni noħnoq il-ġibda naturali li hi seħbiet l-imħabba. Żammejt ir-riedni għall-istint li jeżisti f'kull persuna u ma abbużajtx mill-forza u miċ-ċirkustanzi, avolja forsi f'xi okkażjoni ma tantx wieħed kien irid juża forza jew persważjoni. Forsi li kieku mxejt mad-dinja moderna, forsi li kieku għamilt bħal ħaddieħor, ma kienx jinqala' tfixkil wara, għax ir-rabta kienet tkun hemm biex tegħleb kull għelt barrani. Iżda hawn, forsi wkoll, l-irġulija, l-onesta' u r-rispett ħadmu kontra tiegħi.

Għandu mnejn għaġġilt inkun onest, sinċier u niftaħ qalbi, forsi messni wrejt ħaġa b'oħra, għamilt ħażin li mxejt kontra l-mewġ tad-dinja materjalista, dinja qarrieqa u għalhekk ġejt akkużat, ikkalunjat u ġġustizzjat bla ħtija.

Xi trid tagħmel, jidher li dan hu d-destin tiegħi. Jidher li waqt li jiena ħennejt fil-bosta ma' tul ħajti, ma nistax insib ħlas minn ħuti l-bnedmin.

**ANON**

———— o ————

# IL-LEJL TAL-MILIED

*Il-lejla l-kwiekeb jerġgħu jiddu sbieħ,*
*U jerġgħu jinżlu l-anġli mis-smewwiet*
*Fi qtajja qtajja, jgħannu bla mistrieħ;*
*U terġa' tibki bħalma darba bkiet*
*Dik it-Tarbija, f'dak il-baħħ u l-ksieħ.*

*U jerġgħu jersqu bilġri lejn il-għar*
*Ir-ragħ'jja fqajra; w terġa' 'l hemm fil-bogħ'd*
*Tidher fis-sema l-kewkba tiddi ċar.*
*U tmexxi lit-tliet slaten 'l hawn bil-mod,*
*Biex joffru lil Ġesu' r-rigali kbar.*

*U jerġgħu qlubna jgħannu ferħanin*
*Mad-daqq tal-qniepen, li ma' kullimkien*
*Ixandru l-miġja fostna tal-Bambin;*
*U jerġgħu jinbtu fina f'dan iż-żmien*
*Xewqat ta' risq u hena tul is-snin.*

*O! mhux li jkun għalina dal-Milied*
*Il-bidu ta' ħajja isbaħ tul il-jiem*
*Għal din l-art tagħna, fejn id-dmugħ u l-għied*
*Qegħdin isaltnu flok il-ferħ u s-sliem;*
*Jalla l-imħabba fost il-ġnus tiżdied!*

**PAWLU MIFSUD.**



# BIEX MA JITKASBARX IL-MALTI

**Kitba ta' 70 sena ilu**

**Miġbura minn Ġer. Azzopardi.**

"Nixtiequ nafu kif jittamaw li jistgħu jkabbru lil pajjiżhom u jarawh hieni dawk li jeqerdu l-ilsien tiegħu biss iridu. Aħna rridu nkunu Maltin, Maltin f'kollox. U b'liema dritt nies minn fostna jerfgħu leħenhom kontra tagħna għax irridu nkunu Maltin?

"Għidulna li aħna Maltin, u aħna lesti biex għal Malta tagħna nagħmlu kollox, imqar ninxeħtu ġewwa n-nar, imqar immorru quddiem il-bokok tal-kanuni u l-bajunetti: kollox nagħmlu għal Malta sa kemm aħna Maltin...

"Illi lsien jiswa wisq biex jorbot bl-akbar imħabba nies ta' razza waħda hija ħaġa li jafha kulħadd. Dawk il-Maltin li aktarx huma njoranti, billi jisimgħu Maltin oħra, injoranti bħalhom, igħidu li lsien malti hu ikrah, jibqgħu b'dan il-ħsieb falz f'rashom, u jistħu jitkellmuh, u għalhekk arahom jibdew jitkellmu taparsi bit-taljan, b'kull żball daqs il-lum u għada u pitgħada magħhom.

"Minn dan naraw kemm jiswa li aħna ma nibqgħux kif aħna, poplu żgħir maqsum f'ħafna popli żgħar, kulħadd għalih, min iżomm min ma' l-Isqallin, min ma' din u min dik in-nazzjon. Aħna rridu li l-Maltin kollha kemm huma jżommu biss ma'... il-Maltin, ma' Malta, magħhom infushom.

"X'uħud imaqdru l-ilsien malti mhux għal ħaġa oħra għajr dik li jisimgħu lil ħaddieħor imaqdru. Iva, aħna smajna nies iqassu fuq l-Ilsien Malti u, meta staqsejnihom xi ħaġa fuqu, ma kellhomx il-ħila jgħidu kelma waħda. Jeħtieġ li min imaqdar jew ifaħħar xi ħaġa juri għaliex. U aħna ngħidu hawn quddiem kulħadd li aħna lesti biex niddefendu l-Ilsien Malti kontra dawk kollha, sew Maltin kemm le' Maltin, li jridu jgħidu xi ħaġa kontra tiegħu. Aħna, kull min irid, nistidnuh biex jiktbilna u jgħid dak kollu li jidhirlu li jista' jgħid kontra l-Ilsien Malti li huwa, kif dejjem għedna, wieħed mill-isbaħ ilsna tad-dinja, ilsien li l-ġmiel u l-qawwa tiegħu ma nafux liema lsien iħabbatha miegħu.

"Il-ħelwa hi li dawk kollha li jmaqdru l-Ilsien Malti, u biex javveluh isejħulu djalett, minn dan l-ilsien ma jafu xejn, u spiss f'kelma waħda jagħmlu tlett żbalji jew iżjed. Dawk kollha li kienu jafu tajjeb il-malti, dejjem ħabbewh u faħħruh, għax jafu li huwa ta' min iħobbu u jfaħħru,. Qatt ma kien hemm Malti li jaf il-malti bla ma faħħru u ħabrek biex jarah joħroġ mid-dlam li fih inżamm sal-ġurnata tal-lum.

"Kif ġa għedna, l-Ilsien Malti joħroġ mid-dlam ma jdumx, u aħna stess, miċ-ċokon tagħna, bil-ħsieb li naħdmu kemm nistgħu biex